



Brussell, 22 ta' Diċembru 2010

IL-127 LAQGH TAL-BUREAU TAL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

– 26 TA' JANNAR 2011 –

**PUNT 6
IT-TWAQQIF TAL-PJATTAFORMA
TAR-RAGGRUPPAMENTI EWROPEJ TA' KOOPERAZZJONI TERRITORJALI (REKT)**

Imressaq mis-Segretarju Ġenerali

GĦAL DEĊIŻJONI

MEMO GĦALL-MEMBRI TAL-BUREAU TAL-KtR

IL-127 LAQGĦA TAL-BUREAU TAL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

– 26 ta' Jannar 2011 –

Punt 6

It-twaqqif tal-pjattaforma tar-Raggruppamenti Ewropej għall-Kooperazzjoni Territorjali (REKT)

Il-Kumitat ser iwaqqaf il-pjattaforma tar-Raggruppamenti Ewropej għall-Kooperazzjoni Territorjali (REKT).

Din il-pjattaforma REKT ser tintegra r-rappreżentanti politiċi u tekniċi tar-REKT eżistenti kollha, tar-REKT li qegħdin jinħolqu u l-membri tal-Grupp ta' Esperti. L-assoċjazzjonijiet u l-esperti u l-partijiet interessati l-oħra huma mistiedna jieħdu sehem.

Kompitu:

Il-pjattaforma REKT ser ikollha l-kompiti li ġejjin:

- a) issegwi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-REKT fil-livell Ewropew u dak nazzjonali;
- b) tiffaċilita l-iskambju tal-esperjenzi dwar il-ħolqien tar-REKT fil-livell territorjali u taqşam l-għarfien tiegħu dwar l-aħjar prattiki f' dan il-qasam;
- c) tippromovi r-REKT bħala għodda għall-koeżjoni territorjali u tagħti viżibilità lir-REKT eżistenti, notevolment fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-amministrazzjonijiet nazzjonali u sottonazzjonali;
- d) ittejjeb il-komunikazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-isfidi tar-REKT fil-livell territorjali;
- e) tidentifika l-użu potenzjali tar-REKT bħala għodda għall-iżvilupp territorjali koeżiv;
- f) tappoġġja l-ħidmiet konsultattivi tal-KtR billi ttiprovdi informazzjoni fattwali dwar il-governanza f' diversi livelli u l-aspetti transkonfinali tal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE.

Sħubija:

Il-pjattaforma ser tinkludi r-rappreżentanti politiċi u tekniċi tar-REKT eżistenti kollha, tar-REKT li qegħdin jinħolqu, il-membri tal-Grupp ta' Esperti, assoċjazzjonijiet u partijiet interessati oħra,

Governanza:

- a) Ir-REKT eżistenti u l-membri attivi tal-Grupp ta' Esperti ser ikunu intitolati awtomatikament li jagħmlu parti mill-pjattaforma. Il-KtR ser jistieden lir-REKT li qegħdin jinħolqu u lill-esperti u l-partijiet interessati mmirati (bħall-INTERACT u assoċjazzjonijiet).
- b) Il-President tal-Kummissjoni COTER ser jaġixxi ta' koordinatur politiku tal-pjattaforma REKT u ser jagħti rapport regolari lill-Kummissjoni COTER u lill-Bureau.
- c) Il-KtR ser imexxi l-amministrazzjoni ordinarja tal-pjattaforma REKT.

Appoġġ onlajn:

Il-KtR ser jipprova appoġġ onlajn lill-pjattaforma. Fix-xhur li ġejjin, il-portal web tal-REKT ser jiġi organizzat mill-ġdid u ser jinħolqu sezzjonijiet ġodda sabiex il-portal isir aktar interattiv, sabiex tiġi żviluppata pjattaforma konsultattiva komuni ġenwina u sabiex jingħata appoġġ lill-pjattaforma.

- Pjattaforma konsultattiva komuni (forum elettroniku) tippermetti lir-rappreżentanti tar-REKT eżistenti u ta' dawk li qegħdin jitwaqqfu, lill-esperti tar-REKT u lill-partijiet interessati li jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin bejniethom.
- Kull REKT ser ikollu mikropagna elektronika (mikrosit¹) li fiha jkun jista' jippubblika l-aħbarijiet tiegħu u kontenut ieħor.

Baġit:

Il-funzjonament tal-pjattaforma mhux ser jimplika spejjeż addizzjonali fuq dawk li diġà huma previsti fil-baġit tal-2011 u l-2012 għall-attivitajiet tar-REKT ordinarji tal-KtR.

PROPOSTA

Il-membri tal-Bureau huma mitluba japprovaw dan id-dokument.

*

* *

¹ Il-mikrositi huma disponibbli hawn: <http://portal.cor.europa.eu/egtc/en-US/Projects/already/Pages/welcome.aspx>

APPENDIĊI Sommarju tal-attivitajiet tal-KtR relatati mad-dispożizzjonijiet tal-Bureau² tal-2006

Data	Stadji	Atturi prinċipali	Inizjattivi possibbli tal-KtR	Implimentazzjoni
l-1 ta' Awissu 2006 - 31 ta' Lulju 2007 (probabbli li jiġi estiż f'xi Stati Membri)	Perijodu tranżitorju. Adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi/amminis trattivi nazzjonali. Tnedija tal-inizjattivi politiċi u tekniċi sabiex jiġu stabbiliti r-REKT fuq it-territorji.	Stati Membri Kummissjoni Awtoritajiet lokali u reġjonali, f'xi każijiet biss Awtoritajiet lokali u reġjonali	<ul style="list-style-type: none"> –Pubblikazzjoni u tixrid tal-istudju u l-pamflet tal-KtR dwar <u>ir-REKT</u> fost l-istituzzjonijiet tal-UE, u dawk nazzjonali u territorjali –Organizzazzjoni ta' <u>konferenza</u> / seminar dwar ir-REKT –Twaqqif ta' <u>grupp territorjali ta' esperti</u> dwar ir-REKT biex jissorvelja l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi/amministrattivi fil-livell nazzjonali u jiskambja l-esperjenza fuq il-progress tal-inizjattivi politiċi/tekniki biex jitwaqqaf REKT fil-livell territorjali L-għarfien ser jinġabar mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, fuq il-bażi ta' sejħa miftuħa ta' interess – Proposta lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri biex jitwaqqaf <u>grupp ta' kuntatt</u> dwar ir-REKT – Pjan ta' twaqqif għar-<u>"Reġistru"</u> futur <u>tar-REKT</u> u sezzjoni onlajn rilevanti tal-KtR 	Studji ppubblikati fl-2007, 2008 u 2010 (ara hawn taħt) u pamflet "REKT – 10 mistoqsijiet u risposti" ippubblikat fl-2009 Roundtable tal-KtR u seminar tal-COTER fl-2007 Grupp ta' esperti mwaqqaf fl-2007 Konferenza interistituzzjonali fl-2008 Portal tar-REKT ilu mwaqqaf mill-2007
Sa mill-1 ta' Awwissu 2007 (l-iktar kmieni)	Applikazzjoni sħiħa tar-Regolament Ir-REKT jibdew jitwaqqfu u jiġu reġistrati	Stati Membri Kummissjoni Awtoritajiet lokali u reġjonali Atturi oħrajn REKT KtR	<ul style="list-style-type: none"> – <u>Rapport (jew opinjoni fuq inizjattiva proprja) dwar il-perijodu transizzjonali tar-Regolament</u> dwar ir-REKT, imħejji fi ħdan il-COTER – Tnedija ta' <u>studju bbażat fuq sondaġġ</u> dwar l-oqfsa nazzjonali biex jiġu implimentati r-REKT – Estenzjoni u konsolidazzjoni tal-<u>grupp territorjali ta' esperti</u> dwar ir-REKT – <u>Appoġġ minn studji u analiżi ta' politika u ħidma mal-assoċjazzjonijiet</u>: sondaġġi, analiżi tal-oqfsa istituzzjonali u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni, għbir ta' studji pilota tal-każijiet, identifikazzjoni ta' applikazzjonijiet tematiċi, tixrid tal-aħjar Prattika, organizzazzjoni ta' seminars/konferenzi – <u>Test pilota, twaqqif u ġestjoni tar-"Reġistru"</u> tar-REKT Titjib 	Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "Ir-REKT: impetu ġdid għall-kooperazzjoni territorjali fl-Ewropa", adottata fl-2008. Relatur: is-Sinjura Mercedes Bresso (PSE/IT). Ref. CdR 308/2007. Studju dwar "Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali", ippubblikat fl-2007. Studju dwar "Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT): sitwazzjoni attwali u prospetti", ippubblikat fl-2009. Studju dwar "L-iżviluppi tar-REKT fil-



² Is-97 laqgħa tal-Bureau tal-Kumitat tar-Reġjuni, 5 ta' Diċembru 2006, punt 7. Ref. CdR 322/2006.

			<p>permezz tal-implimentazzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni b'valur miżjud ipprovduti mill-istudji, analiżi ta' politika u netwerking</p> <p>– <u>Rapporti regolari</u> dwar l-iżvilupp tal-kooperazzjoni territorjali u r-REKT, imħejjija fi ħdan il-COTER</p> <p>– <u>Żvilupp tal-komunità u netwerking tar-REKT</u>: eż. thegħiġ tal-ħolqien ta' netwerk tar-REKT, organizzazzjoni ta' konferenza anwwali dwar il-progress tal-kooperazzjoni territorjali u r-REKT</p> <p>– Ħolqien ta' <u>Forum dwar il-kooperazzjoni territorjali fl-UE</u> flimkien ma' atturi oħrajn (għandu jiġi studjat b'aktar dettall)</p>	<p>livell lokali: valur miżjud u soluzzjonijiet għall-problemi”, ippubblikat fl-2010.</p> <p>Żewġ laqgħat tal-grupp ta' esperti saru fl-2008.</p> <p>Seminars tal-OPEN DAYS dwar ir-REKT inżammu fl-2007, 2008, 2009 u 2010. Stand tematiku u pamflet dwar ir-REKT fl-2010.</p> <p>Summit REKT organizzat mill-KtR flimkien mal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-UE f'Mejju 2010.</p> <p>Rapporti annwali lill-COTER fl-2007, 2008, 2009 u 2010.</p> <p>Nota dwar id-dimensjoni transkonfinali integrata fil-ħidmiet konsultattivi tal-KtR (għadha qed titħejja).</p>
Sal-1 ta' Awwissu 2011	Rapport mill-KE u reviżjoni eventwali tar-Regolament REKT	KtR Kummissjoni PE/Kunsill REKT stabbilit	– Sal-2009/2010, <u>rapport ta' prospettiva profund dwar il-perspettiva tal-kooperazzjoni territorjali u l-implimentazzjoni tar-REKT.</u>	<p>Konsultazzjoni konġunta dwar ir-REKT mill-KtR, il-grupp ta' tliet Presidenzi tal-UE (ES-BE-HU), il-Kummissjoni Ewropea u Interact, immedija f'Mejju 2010.</p> <p>Laqgħa tal-partijiet interessati dwar ir-REKT f'Lulju 2010.</p> <p>Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar “Perspettivi ġodda għar-reviżjoni tar-Regolament REKT” li għandha tiġi adottata f'Jannar 2011. Relatur: is-Sur Alberto Núñez Feijóo (PPE/ES). Ref CdR 100/2010.</p>
1 ta' Jannar 2014	Perijodu ġdid ta' programmar		Riżultat mistenni: konsolidazzjoni tal-koeżjoni territorjali u tal-kooperazzjoni territorjali fi ħdan il-Fondi Strutturali u politiki oħra tal-UE	